

EUNAVFOR Med: L-UE taqbel li tibda l-fażi attiva tal-operazzjoni kontra l-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' persuni u li tingħata l-isem ġdid "Operazzjoni Sophia"

Wara l-gwida politika mogħtija mill-ministri għad-difiża u l-affarijiet barranin waqt il-laqgħat informali tagħhom fit-3 u l-5 ta' Settembru, l-Ambaxxaturi tal-UE fi ħdan il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qablu li jibda l-ewwel pass tat-tieni fażi tal-operazzjoni mis-7 ta' Ottubru 2015 u approvaw ir-regoli korrispondenti tal-ingaġġ.

L-operazzjoni navali tal-UE kontra l-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' persuni fil-Mediterran se tkun tista' tmur abbord, tagħmel tiftix, tiegħu f'idejha u tiddevja bastimenti li jkunu ssuspettati li qed jintużaw għat-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin fl-ibħra internazzjonali, f'konformità mad-dritt internazzjonali.

Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel ukoll li l-EUNAVFOR Med għandha tingħata l-isem ġdid ta' "Sophia", li huwa l-isem li ngħata lit-tarbitja li twieldet abbord il-bastiment tal-operazzjoni li salva lil ommha fit-22 ta' Awwissu 2015 'il barra mill-kosta tal-Libja.

"Id-deċiżjoni tal-lum tiegħu l-operazzjoni navali tal-UE mill-fażi tagħha ta' ġbir ta' intelligence għall-fażi operattiva u attiva tagħha kontra l-faċilitaturi tad-dħul klandestin ta' persuni fl-ibħra internazzjonali. L-Unjoni Ewropea wriet il-kapaċità tagħha li taġixxi b'ħeffa u b'mod unit. Aħna wkoll magħqudin fl-isforzi diplomatiċi tagħna biex insibu kemm soluzzjoni politika għall-kriżijiet fis-Sirja u l-Libja, kif ukoll, fi sħubija mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu tal-flussi migratorji, nappoġġaw l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' dawn il-pajjiżi."

Federica Mogherini, Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

L-isem il-ġdid tal-operazzjoni ser jiġi adottat formalment mill-Kunsill mal-ewwel opportunità.

Id-deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għat-tnedija tal-ewwel pass tat-tieni fażi tal-operazzjoni ssegwi valutazzjoni mill-Kunsill fl-14 ta' Settembru li l-kondizzjonijiet biex wieħed jibda dan l-istadju ġew sodisfatti.

Il-Kmandant tal-Operazzjoni l-Kontrammirall Credendino qies din it-transizzjoni bħala waħda possibbli peress li l-istati membri pprovdew l-assi meħtieġa għal din il-fażi aktar attiva fil-konferenza għall-ġenerazzjoni tal-forza tas-16 ta' Settembru 2015.

L-operazzjoni għandha l-għan li tħarbat il-mudell kummerċjali tan-netwerks ta' traffikar u faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin fil-Mediterran u biex jiġu evitati aktar imwiet fuq il-baħar. Hija parti minn approċċ komprensiv usa' tal-UE għall-migrazzjoni, li jindirizza kemm is-sintomi kif ukoll il-kawżi sottostanti bħall-konflitti, il-faqar, it-tibdil fil-klima u l-persekuzzjoni.

- [EUNAVFOR Med: Il-Kunsill jadotta valutazzjoni pożittiva dwar il-kondizzjonijiet biex wieħed iġġaddi għall-ewwel pass tat-tieni fażi fl-ibħra miftuħa](#)
- [EUNAVFOR Med: Riżultati pożittivi mit-tieni fażi tal-Konferenza tal-Ġenerazzjoni ta' Forza](#)
- [EU NAVFOR Med \(EEAS\)](#)
- [It-tiftix ta' soluzzjonijiet għal pressjonijiet migratorji \(informazzjoni ġenerali\)](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press